



EUROPEAN COMMISSION

Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs

Single Market Enforcement

Notification of Regulatory Barriers

In-Numru tan-Notifika : 2017/0013/F (France)

Digriet dwar il-kundizzjonijiet tal-provvista tal-apparat tas-smurija għall-pubbliku u li jemenda d-Digriet Nru 2013-1261 tas-27 ta' Diċembru 2013 dwar il-bejgħ u d-disponibilità għall-pubbliku ta' ċertu apparat li juża r-raġġi ultravjola

Data tal-wasla : 12/01/2017

Tmiem tal-Waqfien : 18/04/2017

Message

Messaġġ 002

Komunika mill-Kummissjoni - TRIS/(2017) 00085

Direttiva (UE) 2015/1535

Traduzzjoni tal-messaġġ 001

Notifika: 2017/0013/F

No abre el plazo - Nezahajuje odklady - Fristerne indledes ikke - Kein Fristbeginn - Viivituste perioodi ei avata - Καμμία έναρξη προθεσμίας - Does not open the delays - N'ouvre pas de délais - Non fa decorrere la mora - Neietekmē atlikšanu - Atidėjimai nepradedami - Nem nyitja meg a késéket - Ma' jiftaħ il-perijodi ta' dawmien - Geen termijnbegin - Nie otwiera opóźnień - Não inicia o prazo - Neotvorí oneskorenia - Ne uvaja zamud - Määräaika ei ala tästä - Inleder ingen frist - He ce предвижда период на прекъсване - Nu deschide perioadele de stagnare - Nu deschide perioadele de stagnare.

(MSG: 201700085.MT)

1. MSG 002 IND 2017 0013 F MT 12-01-2017 F NOTIF

2. F

3A. Direction générale des entreprises – SQUALPI – Bât. Sieyès -Teledoc 151 – 61, Bd Vincent Auriol - 75703 PARIS Cedex 13

d9834.france@finances.gouv.fr

tél : 01 44 97 24 55

3B. Ministère des affaires sociales et de la santé

Direction générale de la santé.

Sous-direction de la prévention des risques liés à l'environnement et à l'alimentation (SD-EA)

Bureau environnement extérieur et produits chimiques (EA1)

14 avenue Duquesne

75350 Paris 07 SP

myriam.perouel@sante.gouv.fr

Tél. 01.40.56.64.81

4. 2017/0013/F - X00M

5. Digriet dwar il-kundizzjonijiet tal-provvista tal-apparat tas-smurija għall-pubbliku u li jemenda d-Digriet Nru 2013-1261 tas-27 ta' Diċembru 2013 dwar il-bejgħ u d-disponibilità għall-pubbliku ta' ċertu apparat li juża r-raġġi ultravjola



EUROPEAN COMMISSION

Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

6. Apparat tas-smurija u servizzi fejn jintuża dan l-apparat

7. -

8. L-abbozz ta' Digriet preżenti, meħud fl-applikazzjoni tal-Artikolu 21 tal-Liġi Nru 2016-41 ta' 26/01/2016 tal-modernizzazzjoni tas-sistema tas-saħħa tagħna (LMSS), jemenda d-dispożizzjonijiet tad-Digriet Nru 2013-1261 tas-27/12/2013 li kien is-suġġett tan-notifika Nru 2013/056/F lill-Kummissjoni Ewropea skont id-Direttiva 98/34/KE. Bil-għan tal-protezzjoni u tas-sigurtà tas-saħħa tal-popolazzjoni, dan l-abbozz ta' Digriet jipprovdi diversi dispożizzjonijiet dwar normi tekniċi :

- għal II (li jemenda l-Artikolu 2 tad-Digriet 2013-1261) : l-estensjoni tal-projbizzjoni tal-bejgħ tal-apparat li jarmi UV3 lill-pubbliku (infakkru li l-bejgħ tal-apparat li jarmi l-UV1 lill-pubbliku ilu pprojbitt mill-1997) ;

- għal X (li jemenda l-Artikolu 12 tad-Digriet 2013-1261) : iż-żieda ta' materjal bil-miktub li jakkumpanja l-manwal tal-istruzzjonijiet tal-apparat sabiex ifakkar lill-professionisti dwar ir-riskji għas-saħħa kkawżati mill-esponiment għad-dwal artifiċjali ultravjola;

- għal XI (li jemenda l-Artikolu 13 tad-Digriet 2013-1261) : l-għoti ta' informazzjoni lill-konsumatur bil-fomm u bil-mezzi ta' materjal bil-miktub, qabel l-għoti ta' servizz (infakkru li, fl-2013, kien diġà stabbilit li jitpoġġa messaġġ ta' twissija fiż-żona prinċipali għall-pubbliku u ħdejn kull apparat kif ukoll it-twissija fuq il-materjal tar-reklamar) ;

- għal XV (li jemenda l-Artikolu 17 tad-Digriet 2013-1261) : it-twettiq ta' kontroll tekniku tal-apparat wara t-tibdil tal-emittenti UV biex ikun verifikat il-livell ta' raġġi emessi.

9. Sa mill-1997, Franza tadotta strateġija biex tillimita r-riskji ta' saħħa marbuta mal-ultravjola artifiċjali, billi tissorvelja l-prattika tas-smurija artifiċjali (Digrieti tal-1997 u tal-2013). L-elementi ta' kompetenza nazzjonali jwissu dwar il-fatt li r-raġġi UV ma jistgħux ikunu kkunsidrati sikuri, irrispettivament mill-frekwenza ta' espożizzjoni jew mid-doża riċevuta, mill-ewwel użu u li fl-istat preżenti ta' tagħrif, ir-rapport ta' benefiċċju/riskju għall-esponimenti ripetuti għall-UV artifiċjali li joħorġu mill-apparat ta' smurija jista' jkun biss negattiv u jmur kontra dawn ir-raġġi (Istitut Nazzjonali tal-Kanċer).

Fl-2015, kien stmat li kull sena jkun hemm 14 325 każijiet ġodda ta' melanoma tal-ġilda (mqabbla ma' 9 780 fl-2011), li kkawżaw 1 773 mewta (mqabbla ma' 1 620 fl-2011), żieda fl-aħħar ħames snin .

Barra minn hekk, fuq livell internazzjonali, iċ-Ċentru Internazzjonali tar-Riċerka dwar il-Kanċer ikklassifika l-UV artifiċjali bħala karċinoġeni ċerti għall-bniedem fl-Lulju 2009. Barra minn hekk, SCHEER, fir-rapport tiegħu

tas-17 ta' Novembru 2016, jikkonkludi li minħabba l-effetti karċinoġeni tal-espożizzjoni għall-apparat tas-smurija u tan-natura tal-kanċer tal-ġilda li jirriżulta, m'hemm l-ebda limitu li taħtu r-raġġi tal-UV tal-apparat tas-smurija jkunu mingħajr periklu.

Madankollu, il-popolazzjoni għadha mhijiex infurmata biżżejjed dwar ir-riskji marbuta mal-prattika tas-smurija artifiċjali u l-perċezzjoni tal-benefiċċji allegati tal-UV artifiċjali, b'inqas minn 50 % tal-persuni mistoqsija jistimaw li huma infurmati biżżejjed dwar ir-riskji tal-kanċer marbuta mal-esponiment għar-raġġi artifiċjali.

Fid-dawl tas-sejbiet t'hawn fuq, deher neċessarju, adattat u proporzjonat li għandu jitkompla l-infurzar tar-regolament dwar is-smurija artifiċjali u tkun żviluppata informazzjoni lill-konsumaturi dwar il-perikli għas-saħħa inerenti għall-esponiment għall-UV artifiċjali. Huwa l-għan tal-Artikolu 21 tal-LMSS u tal-abbozz ta' Digriet preżenti adottat għall-applikazzjoni tiegħu.

10. Referenzi għat-testi ta' referenza: Artikolu 21 tal-Liġi Nru 2016-41 tas-26 ta' Jannar 2016 dwar il-modernizzazzjoni tas-sistema tagħna tas-saħħa.

11. Le

12. -

13. Le

14. Le



EUROPEAN COMMISSION

Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs

Single Market Enforcement

Notification of Regulatory Barriers

15. -

16. Aspett OTK

Iva

Aspett SPS

Le- L-abbozz mhuwiex miżura sanitarja jew fitosanitarja.

Il-Kummissjoni Ewropea

Direttiva tal-Pont ta' kuntatt (UE) 2015/1535

Fax: +32 229 98043

email: grow-dir83-189-central@ec.europa.eu